

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

NRU 150/2016

tat-8 ta' Lulju 2016

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2018/372]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħi, Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/621 tal-21 ta' April 2016 li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/622 tal-21 ta' April 2016 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 1a (ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolo XVI tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- **32016 R 0621:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/621 tal-21 ta' April 2016 (ĠU L 106, 22.4.2016, p. 4),
- **32016 R 0622:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/622 tal-21 ta' April 2016 (ĠU L 106, 22.4.2016, p. 7)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2016/621 u (UE) 2016/622 bl-Iż-żandek u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħi dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

⁽¹⁾ ĠU L 106, 22.4.2016, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 106, 22.4.2016, p. 7.

^(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonal.